**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Albert Borg**

**Kumpilazzjoni Numru:** 680/18

**Illum, tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Albert Borg detentur tal-karta tal-identità numru 838147M akkuzat talli nhar is-sbatax (17) ta' Mejju 2017, ghall-habta tad-disgha ta' filghodu, gewwa San Pawl il-Bahar:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' Dennis Reid Monaghan bi ksur tal-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba tikkunsidra lill-imputat Albert Borg bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena 2020 fejn l-istess Qorti laqghet l-aggravju tal-imputat u konsegwentement annullat u hassret is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement preseduta fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena 2019. Kawza ta' dan gie ordnat li l-atti jintbaghtu lura quddiem din il-Qorti sabiex tisma' u tiddeciedi fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Albert Borg.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena 2018 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi ttrattata bi procedura sommarja;

Rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti b'mod sommarju wara li nqraw lilu l-Artikoli tal-Ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi d-Deputat Registratur esebiet il-Proces Verbal numru 810/17 redatt mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. li gie mmarkat bhala Dok. MDB1.

Illi xehdet **Dr Claudette Fenech** li kkonfermat min kienu d-Diretturi jew Shareholders tal-kumpanija *Palm Court Hotels St. Paul's Bay* u dan mis-sena 2015 sa 2021. Ipprezentat kopja ta' file mmarkat bhala Dok. CF1.

Xehed **PS 1462 Joseph Attard** li jghid li fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena 2017 hu kien xoghol gewwa l-Ghassa tal-Qawra u ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghodu rcieva telefonata li gewwa Triq ir-Rizzi nstabet persuna mal-art kollha demm. Jispjega li Triq ir-Rizzi qieghda kantuniera ma' Triq it-Tamar u cioè fejn hemm lukanda abbandunata bl-isem *Palm Court Hotel* gewwa l-Qawra. Jghid li fuq il-post sab persuna maskili wiccu fl-art gewwa l-parapett tal-istess lukanda abbandunata u li tali parapett kien madwar hames filati 'l isfel.

Ikompli jghid li cemplu ambulanza fejn waslet tabiba mill-klinika tal-Mosta u li tali tabiba ccertifikat lill-vittma mejjet. Jixhed li magenb id-defunt innota bastun abjad li jintuza minn min huwa ghami. Jispjega li ghamel tfittxija biex isir jaf min kien il-vittma u li tali tfittxija saret gewwa l-lukanda *Club Riza*. Jixhed

li tali persuna giet identifikata bhala certu Dennis Monaghan ta' nazzjonalità Ingliza u bil-passaport numru 542086130 imwieled fit-tnejn (2) t'Ottubru fis-sena 1958.

Ikompli jixhed li gewwa l-*Club Riza* hu kellem lil certu Mary Grace Guzman li meta giet mistoqsija jekk tafx lill-vittma wiegbet fin-negattiv izda rreferietu ghall-*Beverage Manager* certu Mark Rossli li stqarr li lejliet is-sejbien tal-vittma, u cioè fis-sittax (16) ta' Mejju 2017, kien lemah lill-vittma u li kien qallu li sejjer ghand missieru.

Jghid li meta kien fuq il-post fejn instab il-vittma avvicinah l-imputat Albert Borg u stqarr li l-lukanda *Palm Court Hotel* hija tieghu. Jghid ukoll li ghamel tfittxija fuq il-vittma u ngabru affarijiet li huma elenkati fir-rapport li hejja u li gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. JA1.

Xehed **l-Ispettur Godwin Scerri** li pprezenta rapport li hejja ghall-Magistrat Inkwerenti mmarkat bhala Dok. GS1. Jghid li fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena 2017 hu kien duty officer gewwa

Bugibba. Fid-disgha u nofs ta' filghodu hu gie infurmat li fil-vicinanzi tal-lukanda abbandunata sitwata fi Triq ir-Rizzi San, Pawl il-Bahar kien hemm persuna li kienet tidher minghajr hajja u li kienet ghada kif waqghet mill-gholi. Jghid li mar fuq il-post u li l-persuna kienet ta' nazzjonalità barranija. Jispjega li kienet it-Tabiba Thea Chetcuti li kkonfermat li tali persuna kienet mejta u fil-fatt inghata certifikat li jistipula hekk.

Jixhed li hu pprosegwa biex jinforma l-Magistrat tal-Ghassa u cioè l-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera fejn l-istess Magistrat Inkwerenti hatret l-esperti biex jassistuha. Jghid li fuq il-post innota li l-vittma kien jismu Dennis Reid u li kien residenti temporanju gewwa r-*Riza Club Hotel*. Ikompli jghid li mill-fatt li kellu walking stick hdejh fuq il-post, il-vittma setghet kienet nieqsa mid-dawl. Jghid li hu jissuspetta li din it-tragedja sehhet ftit tas-sighat qabel u cioè qabel ma telghet ix-xemx. Jispjega li mit-triq wiehed ma setax jara l-vittma izda dan seta' kien possibbli jekk wiehed jittawwal. Jixhed ukoll li hadu tnax-il ritratt li gew ipprezentati bhala Dok. GS.

Jghid ukoll li gie infurmat li meta wasal hu fuq il-post, l-ufficjali qalulu li gie l-imputat Albert Borg. Ikompli jghid li kkonferma li l-imputat huwa s-sid tal-lukanda abbandunata gewwa Triq ir-Rizzi. Fil-fatt jghid li l-imputat kien stqarr dan il-fatt mal-ufficjali. Ikompli jghid li l-esperti inkarigati mill-Magistrat inkwerenti minbarra l-Patologisti gew fuq il-post u wettqu xogholhom. Jghid li l-katavru ttiehed l-Kamra Mortwarja fejn saret il-post mortem tal-vittma.

Jixhed li hu talab informazzjoni dwar min huma l-persuni responsabbli ghal-lukanda *Palm Court* mill-*Malta Business Registry*. Jikkonferma li tali persuna huwa l-imputat Albert Borg u dan kif jirrizulta mid-dokumenti li nghata mill-istess *Malta Business Registry*. Tali dokumenti gew prezentati u mmarkati bhala Dok. GS2. Jixhed li hu vverifika li l-imputat kien is-sid tal-lukanda stante li hu kien id-Direttur u dan kif irrizulta minn tfittxija mal-*Malta Business Registry* fejn irrizulta wkoll li ma kienx hemm shareholders. Jghid li oltre minn hekk l-imputat stess kien stqarr mieghu li huwa s-sid tal-propjetà.

Jghid li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena 2017 kien baghat ghall-imputat u li l-istess imputat ta l-istqarrija tieghu u dan wara li nghata d-drittijiet tieghu kollha. Tali stqarrija u r-rinunzja tad-dritt tal-parir legali gew ipprezentati u mmarkati bhala Dok. GS3 u GS4 rispettivament.

Ikompli jixhed li din il-lukanda kienet inghalqet fuq l-ordni tad-Dipartiment tas-Sanità u din l-istess lukanda giet abbandunata. Jikkonferma li kemm-il darba dahlu rapporti ta' vandalizmu gewwa din il-lukanda minhabba l-fatt li minkejja, li m'ghadhiex topera, ma gietx maghluqa kif suppost. Tali rapporti gew ipprezentati u mmarkati bhala Dok. GSX. Jghid li l-imputat Albert Borg gie mwissi diversi drabi sabiex jiehu hsieb u jiehu dawk il-prekawzjonijiet necessarji. Jghid li fost l-atti ta' vandalizmu li sehhew kien hemm hruq estensiv tant li kellha tinfetah Inkjesta Magisterjali. Jghid ukoll li fejn sehh il-mewt ta' Dennis Reid suppost kellu jkun hemm cint u li tali cint fil-fatt ma kienx hemm.

Jixhed li rigward il-parapett minn fejn waqa' l-vittma la hu u l-anqas Ufficjali tal-Pulizija ohra ma gibdu l-attenzjoni dwar il-periklu tal-istess parapett lill-imputat. Jghid li ma jiftakarx jekk qattx ircieva zewg (2) ittri li ntbaghtu mill-avukat tal-imputat Dr Jason Grima (immarkati bhala Dok. AB1 u Dok. AB2).

Xehed **PC Italo Mizzi** li jghid li fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena 2017 fis-sitta u nofs ta' filghodu gie infurmat mis-Surgent li kien hemm persuna mal-art fl-inhawi gewwa Triq Rizzi, il-Qawra. Jghid li mar fuq il-post u seta' jinnota li kien hemm persuna bid-demm madwarha mal-art. Jghid li hu u l-kollegi tieghu infurmaw l-ambulanza filwaqt li hu nizel hdejn il-vittma flimkien ma' Tabiba mill-Poliklinika tal-Mosta u tali vittma gie ccertifikat mejjet. Jghid li fit-tfittxija li ghamel fuq il-persuna tal-vittma ma nstab xejn ghajr bastun abjad bhalma juzaw nies neqsin mid-dawl.

Jghid li beda tfittxija fil-lukandi fil-madwar u wara li investigaw il-*Club Riza* kkonferma li l-vittma kien qieghed joqghod gewwa kamra numru 316. Wara dan is-sejbien jikkonferma li l-vittma

giet identifikata bhala Dennis Monaghan minn Glasgow. Jikkonferma li gie ordnat biex joqghod bhala fixed point fuq il-post u dan sabiex jigu l-esperti mahturin mill-Magistrat Inkwerenti. Jghid li waqt li kien qieghed jistenna fuq il-post tal-incident gie l-imputat Albert Borg li identifika ruhu bhala sid il-lukanda *Palm Court*. Jixhed li l-imputat saqsieh x'inhu jigri u dan ghaliex kemm-il darba dahlu nies gewwa l-lukanda u ghamlu hsara fiha minkejja li hija abbandunata.

Jikkonferma l-istqarrija pprezentata bhala Dok. GS3 li ttiehdet fil-prezenza tieghu. Jikkonferma wkoll dokument li gie pprezentat bhala Dok. GS4 bhala rinunzja tal-imputat ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Jghid ukoll li r-ritratti esebiti a fol. 205 ittiehdu minnu.

## IKKUNSIDRAT:

### Is-Suggett tar-Reat

Illi qabel xejn din il-Qorti ser ikollha tanalizza d-difiza principali tal-imputat u cioè li hu ma huwiex is-sid tal-propjetà fejn sehh l-incident izda li tali propjetà kienet tappartjeni lill-kumpanija *Palm Court Ltd.*. L-imputat fl-istqarrija tieghu fil-fatt jghid hekk:

*"T: Is-sid ewlieni taghha kien Palm Court Ltd. pero` l-lukanda kienet mirkija lil Qawra Inn Ltd., din kienet tieghu hsieb l-operazzjoni kollha tal-lukanda u din ghada hekk sal-lum ghalkemm il-lukanda hija maghluqa.*

*M: Inti xi rwol kellek?*

*T: Fil-kumpanija Palm Court u Qawra Inn kont u ghadni managing director kif ukoll segretarju taz-zewgt (2) kumpaniji."*

Illi l-Qorti tikkummenta li din lanqas ma hija skuzabbli fil-ligi sabiex wiehed jiskarta ghal kollox id-doveri u l-obbligi tieghu sabiex wiehed jagixxi bhala *bonus pater familias*. Ampja

referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 136A tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad hekk:

*"B'mod partikolari, iżda bla ħsara għal kull dmir ieħor mogħti lid-diretturi ta' kumpanija, jew lil xi wieħed minnhom, bil-memorandum u l-Istatut ta' assoċjazzjoni jew b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, id-diretturi ta' kumpanija:*

*(a)* ***ikunu obbligati li jeżerċitaw kura, diliġenza u ħila li jkunu eżerċitati minn persuna raġonevolment diliġenti li jkollha -***

***(i) kemm it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkunu raġonevolment mistennija minn persuna li tkun qed taqdi l-istess funzjonijiet li jkunu moqdija jew fdati lil dak id-direttur dwar il-kumpanija****;"*

Illi anke li kieku din il-Qorti kellha tqis din id-difiza, xorta wahda jibqa' l-fatt li f'ittri mibghuta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta'

Settembru ta' 2016[1] u fit-tlettax (13) ta' Lulju ta' 2017[2] hemm imnizzel li l-fond mertu tal-kawza tghajjat lill-imputat Albert Borg. Il-Qorti tinnota li tali ittri gewipprezentati mid-difiza stess.

Illi mill-istqarrija tieghu stess l-imputat jammetti li kien thajjar japplika sabiex itella' hajt halli l-lukanda tkun maghluqa tali mod li hadd ma jista' jkollu access. L-imputat iwiegeb hekk meta mistoqsi jekk qattx ircieva komunikazzjoni mill-*MEPA* dwar il-hitan li hemm mad-dawra tal-lukanda:

> "T: *Le qatt ma ircevejt, pero` darba kont ser ngholli l-hajt ta' mad-dawra biex jidhluliex aktar nies u l-perit tieghi Colin Zammit kien qalli li ghandi bzonn permess tal-MEPA biex nghamel dan."*

Illi oltre minn hekk l-imputat wiegeb hekk meta gie mistoqsi jekk gabx tali permess mill-*MEPA*:

[1] Fol. 275
[2] Fol. 277

*"T: Le.*

*M: Ghalfejn?*

*T: Ghax jien kont rajtha inutli minhabba li kull hajt u bieb li nipprova naghlaq iwaqqawh xorta wahda."*

Illi ampja referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat"*

Illi ghalhekk din il-Qorti mhix sejra tqis din id-difiza bhala wahda valida u dan kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem.

## L-Omicidju Involontarju

Illi fil-kaz odjern id-dover tal-Prosekuzzjoni hu li jipprezenta quddiem il-Qorti kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalità minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attività diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibiltà tal-event dannuz, li kondotta

illegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha '*colpa incosciente'* a differenza minn dik imsejha '*colpa cosciente*', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti. Hemm 1) l-imprudenza, li tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli; 2) in-negligenza, li tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu; u 3) l-imperizja; li hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioè kif jghid Manzini:- *"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all'agente di cui egli vuole non tener conto".*

Illi l-Qorti ser tezamina x'inhuma r-rekwiziti tar-reat principali in ezami, u cioè dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9, u cioè tar-reat li biha gie akkuzat l-imputat, u cioè l-omicidju involontarju. L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 jiddisponi s-segwenti:

> *"Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd…"*

Illi ghalhekk wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat, li huma bazikament tlieta u cioè:- 1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ; 2. ikkaguna l-mewt; 3. fuq persuna.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech** il-Qorti sostniet is-segwenti:-

> *"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas*

*ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe` fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

Illi l-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** (1127 pagna 46) jghid:-

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Settembru, 1990, il-

Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. *la volontarieta` dell'atto*; 2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo*; u 3. *la possibilita` di prevedere*.

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa l-volontarjetà tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibiltà ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi.

Illi f'kazijiet bhal dak odjern, il-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova n-*nexus* bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema ness irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioè li tammonta ghal *criminal misconduct* (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-

28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.) Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni.

Illi fil-kaz odjern sfortunatament il-vittma ma setax jaghti l-verzjoni tieghu f'dawn il-proceduri. Min-naha l-ohra l-imputat ma xehedx. L-unika haga li pprezenta kienu zewg (2) ittri li ntbaghtu mill-avukat difensur tal-imputat datati tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena 2016 u tlettax (13) ta' Lulju tas-sena 2017. Fil-proceduri odjerni ma kien hemm l-ebda xhud okulari u ghalhekk jifdal biss il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni u l-provi l-ohra cirkostanzjali.

Illi minkejja dan, mir-rapport imhejji mill-espert nominat fl-atti tal-inkjesta, Dr Mario Scerri jikkonkludi hekk:

> *"Illi fuq il-locus kien hemm it-traskuragni fis-sens illi kien hemm il-periklu kkreat minn nuqqas ta' cint li jghati mat-triq u liem cint kien jidher illi kien nieqes u ghalhekk*

*huwa facli ghal persuna li tkun ghaddejja fit-triq li taqa' ghal isfel."*

Illi oltre minn hekk il-Qorti taghmel ampja referenza ghal dak li kkonstata l-Perit Mario Cassar li gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti:

*"Illi ma hemm l-ebda railing matul il-front garden sabiex jissalvagwardja l-pubbliku milli jaqa' ghal gol-front garden tal-istess lukanda. Jidher illi dan l-istat ta' fatt ilu ghal snin twal."*

Illi l-istess Perit Mario Cassar jikkonkludi wkoll billi jghid li sid il-propjetà ghandu jigi mgieghel jinstalla dan ir-railing minnufih, sabiex ma jsehhux incidenti simili[3]. Ghalhekk il-Qorti thoss li ma tistax taghti piz lil dak li qieghed jargumenta l-imputat ghaliex fil-verità huwa kien ikkonferma li kien ipprova japplika sabiex jiehu xi tip ta' prekawzjoni izda ddecieda minn jeddu sabiex ma jwettaqx dawk ix-xoghlijiet necessarji.

[3] Fol 67 – 68.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar it-tnax (12) ta' Frar 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Grima** ntqal li: *"Il-fatti – inkluzi l-provi ndizzjarji [circumstantial evidence] jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti... dawk li fid-dottrina Ingliza jissejjhu presumptions of fact. These are all inferences which maybe drawn by the tribunal of fact."*

Illi din il-Qorti ghamlet dawn il-*presumptions of fact*, li johorgu mid-dinamika tal-incident u meta qieset u ghamlet apprezzament tal-fatti kollha li jirrizultaw mill-atti hija tista' tasal b'konvinzjoni ghall-konkluzjoni dwar id-dinamika tal-incident.

Illi analizi tal-gurisprudenza nostrana dwar in-negligenza turi li l-prevedibbiltà hija element krucjali sabiex wiehed jinstab hati taht dan ir-reat. Ampja referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) t'Ottubru tas-sena 2022

mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijieti ***Il-Pulizija vs Kevin Bonnici et.***:

> *"Illi l-Liġi tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet b'mod* ***negliġenti*** *u* ***bħala konsegwenza diretta*** *ta' dan l-għemil negliġenti ikun ġie* ***kkawżat event dannuż lil terzi persuni*** *liema event dannuż kien* ***prevedibbli għalkemm mhux previst.*** *L-elementi li jsawu dan ir-reat kienu elaborati fl-appell kriminali* ***Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli*** *deċiż nhar l-4 ta' Frar 1961:*
>
>> *Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju."*

Illi ma hemmx dubju li l-imputat kien negligenti fl-obbligi tieghu bhala direttur tal-kumpanija li tiehu hsieb il-lukanda. Il-Qorti fil-fatt qieghda terga' taghmel referenza ghall-konkluzjonijiet tal-espert Dr Mario Scerri kif ukoll tal-Perit Mario Cassar u sahansitra wkoll ghal dak li stqarr l-imputat.

Illi l-Qorti tqis li din l-istqarrija hija krucjali fis-sens li huwa car li l-imputat mhux talli kien jaf dwar il-periklu tal-post mertu tal-kawza izda kien anka ittenta li jiehu xi tip ta' prekawzjoni. Maghdud ma' dan il-Qorti taghmel referenza ghan-numru ta' rapport li l-Prosekuzzjoni pprezentat fejn irrizulta li l-imputat kien jaf li kwalunkwe persuna seta' jidhol gol-lukanda u dan minghajr impediment.

Illi ghal dan l-agir ghandu jirrispondi biss u unikament l-imputat. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-imputat huwa responsabbli ghall-omicidju involontarju ta' Dennis Reid Monaghan ghaliex minhabba n-negligenza tieghu huwa naqas milli jassigura li l-propjetà li huwa responsabbli ghaliha mhux

qieghed jikkawza xi tip ta' periklu ghall-pubbliku. Ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha kif prodotti fir-reat in dezamina.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat fid-dettal l-atti, hi sodisfatta mill-ezistenza ta' din il-konnessjoni ta' kawzalità bl-aktar mod dirett stante li l-vittma miet bhala rizultat tan-nuqqas ta' prekawzjoniiiet li kellu jiehu l-imputat.

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti tinnota li l-fedina penali tal-imputat hija wahda refrattarja.

Illi ghalhekk ai fini ta' piena huwa wkoll l-oneru tal-Qorti, f'kazijiet simili, li tirrifletti fuq il-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir tal-imputat, stante li jista' jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, però ma tilhaqx dak il-grad li timmerita piena restrittiva tal-libertà personali, u dan kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha (4) ta' April 1951 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Formosa** u fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Agius** gia citata.

Illi di fatti, kif gie affermat fil-kawza fl-ismijiet **Rex v Rose (1938)** – 20 Crim. App. R. 166:- *"No offence varies so much in gravity as manslaughter. One must look at the circumstances in each particular case and see whether it is an offence which calls for severe or mitigated punishment."*

**<u>Recidiva</u>**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ma gie pprezentatat ebda sentenza a rigward dan l-aggravju. Illi ghalhekk dan l-aggravju ma giex ippruvat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Albert Borg** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih filwaqt li tilliberah mill-addebitu tar-recidiva stante li ma gietx ippruvata, u wara li rat l-Artikolu 28A

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Albert Borg** ihallas l-ammont ta’ elfejn u tmien mija u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmi (€2,890.55c) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**